**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 186/2024**

**GH**

**('Ilmentaturi')**

**Vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd**

**C 13729**

**('Provditur tas-Servizz' jew 'CC')**

**Seduta 27 ta' Diċembru 2024**

**L-Arbitru,**

Ra L-Ilment[1] imressaq mill-Ilmentaturi datat 2 t'Ottubru 2024, li fih Ilmentaw dwar telf ta'€9,317.12 minn investiment li sar fis-27 ta' Marzu 2015, f'*Bond 6.625% ISOLUX CORSAN FIN BV 2017 – 2021*, fuq parir tal-Provditur tas-Servizz.

Isostnu illi:

'***Mr Saliba dam madwar għoxrin sena bħala adviser tal-kont tagħna, u nħossu li kien professjonali ħafna mal-kumpanija Calamatta Cuschieri, u kien jipprovdilna servizz tajjeb. Fis-27 ta' Marzu 2015 sar l-investiment ta' 6.625% Isolux Corsan FIN BV 2017-2021 ta' valur nominali ta' Euro 10,000 li ħallasna għalih is-somma totali ta' Euro 9,317.12. Biex inxtara dan l-investiment partikolari s-Sur Saliba kien ċemplilna biex immorru fl-uffiċċju ta' Calamatta Cuschieri fejn qalilna noħorġu mill-investiment tar-Repubblika tal-Venezwela, 7% Venezuela 2015 b'valur nominali ta' Euro 12,000 għax skont hu kien sejjer ħażin. Minkejja dan il-parir il-kapital ħadnih lura u l-interessi dejjem tħallsu.***

[1] Paġni (p) 1 - 6 u dokumenti annessi p. 7 - 25

*Dan l-investiment ta' 6.625% Isolux Corsan FIN BV 2017-2021, Mr Chris Saliba qabad u għamlu mingħajr ma infurmani xejn dwaru. Ma għandix amment li kont/konna ffirmajt il-'Market Order Form' li s-soltu niffirma għal kull investiment li nidħlu għalih. Wara dsatax (19)-il ġurnata mis-27 ta' Marzu 2015, jiġifieri fil-15 t'April 2015 irċevejna ħlas ta' Euro 331.25 bħala interessi fuq dan l-investiment. Dan il-ħlas tal-interessi ħassibna ħafna għax kien sorpriża. Meta fl-istess żmien tlabna u bagħtulna rendikont tal-investimenti kollha f'isimna innutajt li l-valur fis-suq ta' dan l-investiment 6.625% Isolux Corsan FIN BV 2017-2021 kien niżel b'ħeffa tant li bżajna li ser nitilfu mill-kapital. Fil-fatt, wara ħamest ijiem mis-27 ta' Marzu 2015, fl-1 t'April 2015, il-valur fis-suq naqas b'1.57%, telf ta' Euro 140.00, erba' xhur wara fl-20 t'Awwissu 2015, naqas b'39.93%, tlf ta' Euro 3,554, u f'temp ta' erba' xhur oħra, fit-28 ta' Diċembru 2015, reġa' naqas 73.28% fis-suq, b'telf ieħor ta' Euro 2,968. Dan ifisser li f'temp ta' tmien (8) xhur dan l-investiment partikolari ġie fix-xejn u bla valur fis-suq.*

*Minħabba l-biża' li nitilfu l-kapital investit f'dan l-investiment partikolari bdejt immur kull ġimgħa fl-uffiċċju ta' Calamatta Cuschieri nistaqsi/u fuq dan l-investiment partikolari, u kull darba l-adviser kien jittamana li dalwaqt il-valur fis-suq jirranġa. Fil-frattemp indunajna li kien hemm xi ħaġa ħażina, u li aktar ma jgħaddi żmien il-valur ta' dan l-investiment partikolari kien sejjer għall-agħar. Meta rajna hekk tlabna lill-adviser il-kapital lura. Fil-pront, l-adviser weġibni/weġibna li ma nistgħux nieħdu l-kapital lura. Hawn indunajt li meta sar dan l-investiment partikolari konna ngannati, għax is-soltu meta nkunu nixtiequ u rridu nbiegħu (noħorġu minn) xi investiment konna niffirmaw formula biex nawtorizzaw il-bejgħ fil-mument opportun. Barra li din il-formola tal-istruzzjoni/jiet ma saritx, l-adviser talabni/talabna nsibu lil xi ħadd interessat jixtri dan l-investiment partikolari. Din għalina kienet stramba ħafna għax aħna ma nafux dan l-operat; u Calamatta Cuschieri huma awtorizzati jagħmlu dan ix-xogħol.*

*Fis-sena 2015, dħalna f'investimenti oħra u fuq dawn inħossu li l-adviser infurmana dwarhom kif mistenni. Għalhekk inħossu li dan l-investiment tas-6.625% Isolux Corsan FIN BV 2017-2021 kienet mossa ta' malajr biex jaqdu lil xi ħadd għax Calamatta Cuschieri jafu li dan l-investiment kien jinstab f'tarf ta'*

***falliment jew saħansitra diġà fallut. Calamatta Cuschieri kien jaf u avżat li dawn it-tip ta' investimenti ma kinux jgħoddu għalina.***

***Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni ta' kif ġraw l-affarijiet għandu jidher ċar li aħna ġejna ngannati, u l-kapital tagħna ġie misruq għall-benefiċċju ta' ħaddieħor. Għalhekk aħna qed nitolbu l-kapital u flusna lura.'***[2]

Bħala rimedju qed jitolbu rifużjoni tal-kapital investit €9,317.12 (avolja jidher li dan jinkludi element ta' imgħax akkumulat għal €298.12 li kien inġabar lura meta tħallas l-ewwel imgħax ftit wara li nxtara.[3])

**Risposta**

Fir-Risposta[4] ta' CC, qalu li dan l-Ilment huwa preskritt *ai termini* ta' Artiklu 21 ta' Kap. 555, Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Issottomettew hekk:

'***L-ewwel motiv***

***Billi l-Artikolu 21(1)(b) tal-Att jeħtieġ li "[ ] lment dwar imġiba li tkun seħħet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidħol fis-seħħ," sakemm l-Att daħal fis-seħħ fit-18 t'April 2016, sakemm l-allegata mġiba ħażina seħħet f'Marzu 2015, nissottomettu b'rispett li l-Ilment għandu jiġi deċiż kif preskritt skont l-Artikolu 21(1)(b) tal-Att.***

***It-tieni motiv***

***Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, huwa ċar ħafna li l-Ilmentaturi ilhom jafu dwar il-materji lmentati għal numru ta' snin.***

***B'referenza għal paġna 3 tal-Ilment, l-Ilmentaturi indikaw li kellhom għarfien tal-kwistjonijiet li dwarhom Ilmentaw ġew ilmentati mill-15 t'April 2015.***

***Barra minn hekk, f'paġna 4, l-Ilmentaturi ndikaw li "[ ] after nineteen (19) days [i.e. from March 2015] there were clear market indications that something was wrong," u li l-Ilmentaturi kienu konxji li " [ ] by the end of year 2015 the market value of the said security decreased by 73.38%. And in year 2016 the listing was suspended."***

[2] P. 7 - 8
[3] P. 14 - 15
[4] P. 33 - 34

*Barra minn hekk, fl-ittra tal-Ilmentaturi datata 4 ta' Frar 2022, annessa mal-Ilment, is-Sur GH indika li "[ ] (Mr GH) requested frequent updates of my portfolio valuation/s position/s and it came to my attention that immediately after a week from the date of the purchase, the value of the 6.625% ISOLUX CORSAN FIN BV 2017/2021 started diminishing [ ]. This means that the nominal investment of Euro 8900 (for the price of Euro 10000) by 0.01.2016 diminished to the nominal value of Euro 2,378 [ ]."*

*L-Ilmentaturi rċevew dikjarazzjonijiet ta' kull tliet xhur peress li l-investiment sar lura f'Marzu 2015. Il-valutazzjonijiet tal-portafoll rispettivi bla dubju rriflettew it-tnaqqis sinifikanti u eventwalment il-valur xejn tas-suġġett tas-sigurtà tal-Ilment tant li l-valutazzjoni tal-portafoll, ipprovduta mill-Ilmentaturi fil-paġna 18 tal-Ilment diġà wrew li l-bonds kienu ta' valur baxx u li qed jiġu kkonvertiti fi stocks tal-valur tas-suq ta' xejn rispettiv mill-11 ta' Ottubru 2019.*

*Barra minn hekk, fl-ittra tas-26 ta' Awwissu 2024, l-Ilmentaturi indikaw li "Wara dsatax (19)-il ġurnata mis-27 ta' Marzu 2015, jiġifieri fil-15 t'April 2015, irċevejna ħlas ta' Euro 331.25 bħala interessi fuq dan l-investiment. Dan il-ħlas tal-interessi ħassibna ħafna għax kien sorpriża. Meta fl-istess żmien tlabna u bagħtulna rendikont tal-investimenti kollha f'isimna innutajt li l-valur fis-suq ta' dan l-investiment 6.625% Isolux Corsan FIN BV 2017-2021 kien niżel b'ħeffa tant li bżajna li ser nitilfu mill-kapital. Fil-fatt, wara ħamest ijiem mis-27 ta' Marzu 2015, fl-1 t'April 2015, il-valur fis-suq naqas b'1.57%, telf ta' Euro 140.00, erba' xhur wara fl-20 t'Awwissu 2015, naqas b'39.93%, tlf ta' Euro 3,554, u f'temp ta' erba' xhur oħra, fit-28 ta' Diċembru 2015, reġa' naqas 73.28% fis-suq, b'telf ieħor ta' Euro 2,968. Dan ifisser li f'temp ta' tmien (8) xhur dan l-investiment partikolari ġie fix-xejn u bla valur fis-suq."*

*Dan t'hawn fuq jindika b'mod ċar li l-Ilmentaturi kellhom għarfien tal-kwistjonijiet tal-Ilment lura fl-2015 u fi kwalunkwe każ ħafna qabel ma l-Ilment kien irreġistrat mal-Kumpanija fi Frar 2022. Bħala riżultat, l-Ilment għandu jiġi deċiż kif preskritt skont l-Artikolu 21(1)(c) tal-Att.*

*Filwaqt li aħna fiduċjużi li dan ta' hawn fuq huwa ċar, aħna nibqgħu disponibbli biex nipprovdu aktar kjarifiki kif jista' jitqies meħtieġ."*

**Seduta**

Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2024, l-Arbitru spjega li qabel ma jkompli bil-każ fuq il-mertu tiegħu, irid jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' preskrizzjoni li tqajmet mill-Provditur tas-Servizz fir-Risposta.[5]

L-Ilmentaturi argumentaw illi filwaqt li kienu jafu li hemm xi ħaġa ħażina sa mill-bidunett tal-investiment, baqgħu ma għamlux Ilment bil-miktub formali ma' CC għax dejjem kienu mwiegħeda li l-affarijiet ser jirranġaw. Għalhekk kien biss fl-4 ta' Frar 2022 li fl-aħħar għamlu ilment formali mal-Provditur tas-Servizz.

**Analiżi dwar it-talba għall-preskrizzjoni**

Ma ġiex ikkontestat li ma kien sar l-ebda ilment formali bil-miktub ma' CC qabel l-4 ta' Frar 2022 kif jitlob Artiklu 21(1)(c) tal- KAP. 555. Għalhekk biex tiġi miċħuda t-talba għall-preskrizzjoni li saret mill-Provditur tas-Servizz konformi mal-provvedimenti ta' Artiklu 19(3)(e) tal-istess KAP. 555, irid jiġi ppruvat li l-Ilmentaturi ma kinux jafu b'dak li qed jilmentaw qabel l-4 ta' Frar 2020.

Iżda, f'dan il-każ, l-Ilmentaturi stess stqarrew li kien ilhom jafu bil-problema ilmentata minn ftit wara li xtraw l-investiment fl-2015. Tant li filwaqt li l-investiment inxtara fis-27 ta' Marzu 2015, sal-aħħar tal-2015 kellu valur ta' €2,378[6] paragunat mal-prezz li kienu xtraw bih ta' €8,900 (eskluż l-imgħax u l-ispejjeż).[7]

Kif ukoll qalu li fl-2016, bla ma kienu ġew infurmati xejn, l-investiment inbidel f'investiment ġdid li kellu valur nominali ta' €2,816 u rata tal-imgħax ta' 3% paragunat ma' investiment oriġinali nominali ta' €10,000 b'imgħax ta' 6.625%.

Dan kollu juri li fl-2016, il-*bond* oriġinali li fuqu hu bbażat dan l-Ilment kien diġà falla (*defaulted*) u ġaladarba ġie mibdul ma' *bond* ġdid fejn il-valur nominali kien biss ta 28% tal-valur nominali oriġinali, l-Arbitru ma jistax jifhem kif xi ħadd minn CC seta' jassigura lill-Ilmentaturi li ser jirkupraw flushom; kif lanqas jista' jifhem kif l-Ilmentaturi dan setgħu jemmnuh meta kien ilhom ħamsa w għoxrin sena jinvestu ma' CC[8] f'*bonds* b'kupun għoli li ma jkunux *investment grade.*[9]

[5] P. 35 - 39
[6] P. 9
[7] P. 14
[8] P. 7
[9] P. 17 - 25

Meta l-*bond* ġie mibdul ma' *bond* ieħor għal valur nominal ridott għal 28%, kien ċar li anke fl-aħjar ipoteżi qatt ma seta' jagħlaq u jirrendi aktar mill-valur nominali kif ridott.

Huwa ċar li fl-2016 saret xi *'forced restructuring'* tal-*bond* oriġinali li kien falla (*defaulted*) u b'hekk normalment ma jkunx hemm suq normali għal dawn il-*bonds* li jkunu *defaulted* u mibdula f'*bond* ġdid b'karatteristiċi ferm agħar mill-*bond* oriġinali. Dan indizzju ċar għalfejn il-*bond* ma setax jinbiegħ kif xtaqu l-klijenti, speċjalment jekk stennew li jinbiegħ bi prezz li jirkupraw flushom.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru jifhem li l-Ilmentaturi, kif ammettew huma stess, kienu jafu bil-problema ilmentata ferm qabel sentejn minn meta rreġistraw l-ilment ma' CC fi Frar 2022.

B'konsegwenza, l-Arbitru jiddeċiedi li ma għandux kompetenza biex ikompli jisma' dan l-Ilment fuq il-merti tiegħu u dan skont Artiklu 21(1)(c) ta' KAP. 555.

L-Arbitru ma jħossx li għandu għalfejn ikompli jikkonsidra jekk hemmx ukoll każ ta' preskrizzjoni skont Artiklu 21(1)(b) tal-istess KAP. 555.

**Rakkomandazzjoni**

Iżda l-Arbitru jixtieq jagħmel rakkomandazzjoni liż-żewġ partijiet biex jibżgħu għar-relazzjoni li bnew tul 25 sena.

L-Ilmentaturi għandhom jikkonsidraw il-valur tar-relazzjoni fuq spettru wiesgħa u mhux fuq każ individwali fejn investiment mar ħażin fost ħafna oħrajn li marru sew.

Il-Provditur tas-Servizz għandu jara jistax jagħmel ġest fejn joffri xi kumpens *ex-gratia* lill-Ilmentaturi anke biex juri sogħba għall-fatt li ma ħariġx risposta formali għall-ilment li kien reġistrat fi Frar 2022 u, skont l-Ilmentaturi, qatt ma rċevew risposta formali.

L-Arbitru jirrakkomanda li dan il-ġest *ex-gratia* għandu jkun ta' mhux anqas minn €500.

Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**<u>Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru</u>**

*Dritt ta' Appell*

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, salv id-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont l-artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont l-artikolu 26(4) tal-Att, għandhom isiru lill-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, id-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont l-artikolu 11(1)(f) tal-Att.